**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI

## Aġenda Nru. 47 tas-7 Leġiżlatura

## tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

**Data:** Nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2016
**Hin:** fit-3pm
**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Tkomplija tal-Istruttura ta' Ġieħ il-Qrendi;
5. Evalwazzjoni dwar il-Festival Agrarju tal-Patata;
6. Komunikazzjoni mis-Sindku;
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
8. Aġġornament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-47 Laqgħa tas-seba’ leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 20 ta’ Ġunju 2016 fit-3pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fil-5:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Abigail Sciberras |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tas-46 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

## 2. PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti mqajma mill-Minuti.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Inqrat Ċirkulari 1/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 1/2016 - Effiċjenza fil-Komunikazzjoni.**

3.2 Inqrat Ċirkulari 2/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari 2/2016 - Permess għall-Ħatt ta' Merkanzija minn fuq Trailers.**

3.3 Inqrat Ċirkulari 3/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 3/2016 - Maratona tal-Volleyball b'risq id-Dar tal-Providenza.**

3.4 Inqrat Direttiva Numru 1/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Direttiva Numru 1/2016 – Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*).**

3.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Assistant Director Monitoring Unit – Department for Local Government.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Assistant Director Support Services – Restoration Directorate.***

3.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea, *Senior Monitoring Officer* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***European Mobility Week 2016.***

3.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea, *Senior Monitoring Officer* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***European Mobility Week 2016*** **– Laqgħa ta' Informazzjoni** ***UPDATE***.

3.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea, *Senior Monitoring Officer* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Aġenda tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali Il-Qrendi.**

3.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Cleavon Vella, Assistent Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT PQ 26225.***

3.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina, mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Claims Pertaining to Memo 30/2015.***

3.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mariella Silvio, Uffiċjal Legali fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Bye Law*** **Qrendi dwar Attivitajiet fil-Beraħ.**

3.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea, Prinċipal fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Call for Participation: "The Strategy for Innovation and Good Governance at Local Level and the European Label of Governance Excellence."***

3.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 34/2016 – Prospectus tal-MCAST.**

3.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Agenda Energy Union and Climate***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

***Change.***

3.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Zammit mis-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2016 – Wirja tal-annimali.**

3.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Zammit mis-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata – Kunsill Lokali Qrendi – URĠENTI.**

3.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur John Spiteri mill-Ministeru għall-Infrastruttura u Trasport, bit-titlu ***Request for assistance for Rubble Wall Construction at*** **Haġar Qim, Qrendi** ***by the Qrendi Local Council (PA/4822/15) Approved.***

3.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Colin Cremona, *EU Fund Support Officer* fil-PPCD, bit-titlu ***Financial Recovery.***

3.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Ispettur Charlotte Curmi mill-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq, bit-titlu **Festa Madonna ta' Lourdes 2016 – Barrikati.**

3.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Surġent Antonella Vella, mill-Iskwadra ta' Kontra d-Drogi tal-Pulizija, bit-titlu ***Invitation for Meeting with Drug Squad.***

3.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Fiorella Fenech Vella, Avukat, bit-titlu ***Judicial Letter – Argus Insurance Agencies Ltd – 1309/2016.***

3.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Amanda Owusu, bit-titlu ***ATTENTION: Mr Chris Falzon – Future of Our Past Project – Letter of Adhesion.***

3.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Marco Graziani, *FTZ FOP Officer,* bit-titlu ***Future of Our Past (FOP).***

3.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Lilian Vassallo mill-Kummissjoni Ewropea, bit-titlu ***Have your say on the safety of apps.***

3.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Lilian Vassallo mill-Kummissjoni

Ewropea, bit-titlu ***10th Anniversary of European Development Days*/L-Għaxar Anniversarju tal-Jiem Ewropej tal-Iżvilupp.**

3.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Lilian Vassallo mill-Kummissjoni Ewropea, bit-titlu ***Citizens' Dialogue/Djaolgu maċ-Ċittadini.***

3.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Audrey Testaferrata Denoto, Direttur fi Transport Malta, bit-titlu ***Parking Area in* Wied iż-Żurrieq.**

3.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Karen Zerafa, Assistent Eżekuttiv fi Transport Malta, bit-titlu ***Engagement of Mr Michael Cohen as Local Councils Affairs Advisor***.

3.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Karl Galea, mid-Dipartiment għall-Immaniġġjar tat-Traffiku u s-Sigurta' fit-Toroq fi Transport Malta, bit-titlu ***Road Closures.***

3.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Said, Uffiċjal Klerikali fi Transport Malta, bit-titlu ***EU Think Tank Report on Sustainable Cycling for Cities and Towns.***

3.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Angela Vella, Kordinatur tal-*Lifelong Learning*, bit-titlu ***Lifelong Learning 2016-2017.***

3.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Angela Vella, Kordinatur tal-*Lifelong Learning*, bit-titlu ***Maximum Capacity for Lifelong Learning Courses.***

3.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Kenneth Cutajar, *General Manager* ta' *District Operations Ltd.,* bit-titlu ***CWSEF – Local Councils Memorandum Agreement.***

3.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Geraldine Grima Gilson, *Senior Clerk* fid-Direttorat tal-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard, bit-titlu **Ħu Kontroll – 2016.**

3.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Romina Rieck Zahra, *Senior Manager* mal-Awtorita' għas-Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, bit-titlu **Linji Gwida dwar Saħħa u Sigurta'.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Silvana Mizzi bit-titlu ***EHIC Application Form.***

3.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Michelle Hewitt, Assistent Amministrattiv mal-WasteServ, bit-titlu ***Waste Producers Questionnaire 2016 – Reminder.***

3.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-*Funding at MEUSAC,* bit-titlu **Laqgħa Informali dwar Ksib ta' Fondi.**

3.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn *DigMalta Support*, bit-titlu ***DigMalta, a social network for Malta/Gozo, in partnership with Local Councils.***

3.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joe Bajada, bit-titlu ***Permission Request.***

3.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Ruth Agius, Uffiċjal Eżekuttiv fiċ-Ċentru għall-Edukazzjoni u Riċerka Ambjentali, bit-titlu ***World Symposium on Lifelong Learning and Sustainable Development.***

3.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mari Collyer, *Care Manager* f'*Caremark (Malta)*, bit-titlu ***Attn Councillor responsible for the elderly/person with disability.***

3.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Agius minn *Agius Agricultural Trading Ltd.,* bit-titlu **Festa tal-Patata 2016.**

3.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Michael Agius bit-titlu ***Agri Show.***

3.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-*Civil Society Network*, bit-titlu ***To All Local Councils and Councillors.***

3.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Kevin Gauci mill-*Emergency First Response*, bit-titlu **Servizz t'Ambulanza – Festa tal-Madonna ta' Lourdes, il-Qrendi.**

3.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmel Curmi, *Enforcement Systems Advisor* ta' LESA, bit-titlu **Servizz ta' Gwardjani Lokali – Festa tal-Madonna ta' Lourdes, il-Qrendi.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Diane Borg minn Joe Bonnici & Sons, bit-titlu **Servizz ta' Mobile Toilets – Festa tal-Madonna ta' Lourdes, il-Qrendi.**

3.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur John Vella, Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes, bit-titlu **Laqgħa ta' Qabel il-Festa 2016 – Soċjeta' Filarmonika Lourdes.**

3.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmel Pace, Kap tal-Iskola Primarja tal-Qrendi, bit-titlu **Stedina.**

3.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Kenneth Cauchi, Uffiċjal tal-Konservazzjoni, bit-titlu ***Proposed Restoration of Sign Post on Plinth in*** **Triq is-Siġġiewi, il-Qrendi.**

3.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Cassar, *Quantity Surveyor* m'Agius Stone Works, bit-titlu ***Restoration of Sign Pillar*** **tal-Qrendi.**

3.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Daniel Portelli bit-titlu ***Fund Raising from Alive at*** **Festa Agrarja tal-Patata.**

3.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Tricia Dawn Williams, *Sub-editor* tar-rivista Encore, bit-titlu ***Encore #6 – Call for Cultural Events – Local Councils.***

3.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Glorianne Cassar bit-titlu ***Qrendi History.***

3.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pierluigi Pace bit-titlu ***Car Meet Event at*** **Wied iż-Żurrieq.**

3.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mersia Mackay Zammit bit-titlu ***Courses.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 4. TKOMPLIJA TA' L-ISTRUTTURA TA' ĠIEĦ IL-QRENDI

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li fil-laqgħa li għaddiet tkellimna dwar kif għandhom jinqasmu l-punti, is-70% u t-30% li fuqhom tkellimna fil-laqgħa ta' qabel.

4.2 Qal li issa jkun għaqli jekk nitkellmu dwar kif se jinqasmu s-70% li se jkunu qegħdin jingħataw lill-persuna li tkun ħadmet fil-volontarjat.

4.3 **Kif se jinqasmu s-70% li se jingħataw għall-volontarjat**

4.3.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li dawn jistgħu jinqasmu fuq kemm persuna tkun ilha snin taħdem fil-volontarjat u ppropona dan li ġej:

5 snin – 5%
10 snin – 10%
15-il sena jew aktar – 15%

4.3.2 Qal li dawn f'daqqa jammontaw għal 30% minn dawk is-70% li rridu naqsmu.

4.3.3 Żied li tkun ideali jekk naraw x'benefiċċju kellu dan il-volontarjat li sar mill-persuna, u jekk sarx fuq bażi lokali, nazzjonali u anke internazzjonali.

4.3.4 Ippropona li l-persentaġġi jkomplu jinqasmu kif ġej:

Volontarjat fuq bażi lokali – 10%
Volontarjat fuq bażi nazzjonali – 7%
Volontarjat fuq bażi internazzjonali – 3%

4.3.5 Qal li dawn f'daqqa jammontaw għal 20% li jekk tgħoddhom mat-30% ta' qabel jiġu jammontaw għal 50% mis-70% li jridu jinqasmu.

4.3.6 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li jekk kemm-il darba l-volontarjat sar fuq bażi lokali, allura dan għandu jieħu 40% tal-marki u

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

t-30% jinqasmu bejn il-volontarjat nazzjonali u internazzjonali.

4.3.7 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qablet mal-proposta tal-Kunsillier Sant Mifsud.

4.3.8 Is-Sindku qal li bħala Kunsill Lokali rridu naraw ukoll min ibbenefika minn dan il-volontarjat, jekk hux ftit persuni jew inkella hux ħafna nies.

4.3.9 Is-Sindku ppropona li jekk il-volontarjat fuq bażi lokali kien biss għal Soċjeta' jew Għaqda partikolari allura dan għandu jammontaw għal 8%, u jekk il-volontarjat kien għall-komunita' Qrendija kollha, allura dan għandu jammonta għal 12%.

4.3.10 Flimkien dawn jammontaw għal 20% li jgħaqqdu l-ispettru kollu tas-70%.

4.3.11 Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi qabel unanimament li s-70% tal-volontarjat għandu jinqasmu kif ġej:

Volontarjat għal 5 snin – 5%
Volontarjat għal 10 snin – 10%
Volontarjat għal 15-il sena jew aktar – 15%

Volontarjat fuq bażi lokali – 10%
Volontarjat fuq bażi nazzjonali – 7%
Volontarjat fuq bażi internazzjonali – 3%

Volontarjat li minnu bbenefikat Soċjeta' jew Għaqda waħda – 8%
Volntarjat li minnu bbenefikat il-komunita' Qrendija – 12%

4.4 **Kif se jinqasmu t-30% għal dak li persuna tkun għamlet matul ħajjitha fuq bażi personali**

4.4.1 Is-Sindku qal li fadal it-30% li se jingħataw għal dak li persuna tkun għamlet matul ħajjitha.

4.4.2 Il-Viċi Sindku qal li l-ewwel irridu naraw jekk dak li tkun għamlet persuna, tkunx ibbenefikat minnu hi stess jew inkella jkun ibbenefika l-

lokal, in-nazzjon jew inkella fuq bażi aktar globali.

4.4.3 Ippropona li t-30% għandhom jinqasmu kif ġej:

Fuq bażi personali – 10%
Fuq bażi lokali – 15%
Fuq bażi nazzjonali jew internazzjonali – 5%

4.4.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta kif għangohm jinqasmu t-30%.

## 5. EVALWAZZJONI DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA

5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-Festival Agrarju tal-Patata ta' din is-sena kien suċċess, forsi anke aktar milli stennejna.

5.2 Qal li l-post fejn sar għen ħafna u probabilment ħadmet favurina li ċċaqlaqna minn fejn konna qabel.

5.3 Żied li l-għajnuna kienet mingħand kulħadd u anke l-ikel li kien hemm preparat dakinhar kien tajjeb ħafna.

5.4 Spjega kif anke dwar il-wirja artistika, il-Kavallier Mario Coleiro ġie jagħtina l-għajnuna tiegħu dwar it-tqassim ta' din il-wirja, u dan għamlu bla ħlas.

5.5 Il-Viċi Sindku rringrazzja lill-importaturi/esportaturi tal-patata u qal li għall-ewwel darba din is-sena, inftaħna wkoll għall-persuni oħra li xtaqu jesebixxu x-xogħolijiet tagħhom.

5.6 Żied li għall-ewwel darba wkoll, uffiċjalment kellna magħna persuna minn Leeuwarden li qiegħda taħdem magħna mill-qrib minħabba Valletta 2018.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.7 Is-Sindku David Schembri qal li l-bidla tal-post vera għenet u dan minħabba raġunijiet loġistiċi.

5.8 Qal li l-pubbliċita' li saret kienet tajba ħafna, aggressiva, imma li fl-aħħar mill-aħħar tat ir-riżultati mixtieqa.

5.9 Spjega kif bħala Kunsill Lokali mxejna mal-kriterji mitluba u din is-sena, għall-ewwel darba, organizzajna wkoll *Sports Day* għall-istudenti tal-Iskola Primarja u ċ-Ċentru ta' Riżorsa Helen Keller.

5.10 Tkellem ukoll dwar l-esebizzjonijiet differenti li kien hemm matul il-Festival Agrarju tal-Patata, fosthom il-wirja taż-żwiemel, il-wirja tal-arti kif ukoll il-wirja tal-arti sagra.

5.11 Irringrazzja mill-qalb lil Heritage Malta talli għal sena oħra d-dħul fit-Tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra kien għal donazzjoni ta' €2.

5.12 Qal li xtaq jagħmel rimarka żgħira dwar il-Maqluba, fejn sfortunatament, niżlu ħafna nies sal-belveder ta' din l-attrazzjoni, imma l-għada kien hemm ħafna ħmieġ.

5.13 Irringrazzja mill-qalb lis-sotto kumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata kollu kemm hu tal-ħidma tiegħu.

5.14 Żied li dakinhar tal-Festival kienu diversi dawk il-persuni li ġew f'Misraħ il-Maqluba sabiex jaraw x'aħna nagħmlu u x'organizzajna.

5.15 Spjega li mhux biss ġiet is-Sa. Froujke de Long mill-Olanda, imma ġew ukoll diversi rappreżentanti ta' Valletta 2018 u dan sabiex jaraw jekk konniex imxejna ma' dak li ssottomettejna fl-applikazzjoni.

5.16 Irringrazzja mill-qalb lill-voluntiera kollha li ħadmu dakinhar u qal li s-suċċess kien dovut għall-ħidma sħiħa ta' tim wieħed u magħqud.

5.17 Qal li forsi mis-sena d-dieħla rridu nkunu aktar selettivi fl-għażla tal-istalls li jkollna għall-Festival, u dan sabiex ma nwaqqgħux il-preġju tiegħu.

5.18 Spjega kif ma nistgħux nibqgħu naċċettaw stalls li per eżempju jbiegħu

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

l-ħwejjeġ, ġugarelli, eċċ...

5.19 Is-Sindku tkellem ukoll dwar persuna mill-Umbrija, fl-Italja li kienet preżenti waqt il-Festival u li din qiegħda tipprova tintroduċina ma' raħal Taljan sabiex 'il quddiem inkunu nistgħu naħdmu flimkien.

5.20 Spjega kif bħalissa qegħdin nippruvaw naħdmu wkoll ma' rħula fl-Irlanda u fl-Islovenja fejn hemmhekk ukoll isiru Festivals simili għal tagħna u jidher li għall-Festival tas-sena d-dieħla jista' jkollna rappreżentanza Irlandiża.

5.21 Irringrazzja wkoll lill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali u qal li dawn ħadmu ħafna sabiex stajna narmaw u nżarmaw kollox, u rringrazzja wkoll lil min ħa ħsieb it-tindif taż-żona.

5.22 Irringrazzja wkoll lill-persuni li ppreżentaw fil-Festival u qal li l-Kunsill Lokali jħoss li bħala ringrazzjament se jkun qiegħed jorganizza ikla għal dawk kollha li ħadmu matul dan il-Festival.

5.23 Irringrazzja wkoll lill-entitajiet governattivi u liż-żewġ skejjel tal-lokal u lil dawk kollha li matul il-Festival ġew iżuruna.

5.24 Qal li mal-Festival Agrarju tal-Patata saru żewġ attivitajiet kbar oħra, waħda eżatt maġenbna, fir-raħal ġirien taż-Żurrieq, il-Festa Ħut, kif ukoll kien hemm l-attivita' popolari *Earth Garden*.

5.25 Spjega li bħala Kunsill Lokali ma kellna kompetizzjoni ma' ħadd u se nkunu qegħdin nagħmlu l-almu kollu tagħna sabiex is-sena d-dieħla ma jerġax jiġri kif ġara din is-sena u nippruvaw ma naħbtu ma' ħadd.

5.26 Is-Sindku qal li mill-Villaġġ Medjevali forsi stenna ftit aktar kif stenna aktar mill-wirja taż-żwiemel, imma qal li s-sena d-dieħla rridu naraw kif ninnegozjaw differenti.

5.27 Il-Kunsillier Daniel Farrugia rringrazzja lil kulħadd u qal li mill-kummenti li sema', jidher li l-Festival Agrarju tal-Patata ta' din is-sena ntogħġob ħafna.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*Il-Kunsillier Daniel Farrugia ħalla l-laqgħa fil-5pm minħabba impenji oħra.*

6. **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

6.1 Is-Sindku David Schembri ta spjegazzjoni għal darb'oħra dwar ir-*roundabouts* li għandna l-Qrendi u dawk li hemm proposti.

6.1.1 Qal li se jkun qiegħed jerġa' jispjega kollox għax milli jidher fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali ma ftehmniex tajjeb minn kulħadd.

6.1.2 Spjega kif bħalissa għandna *roundabout* waħda li tinsab fil-bidu ta' Triq it-Tempesta, kantuniera ma' Triq l-Imqabba, imma hemm il-proposta ta' żewġ *roundabouts* oħra fi Triq it-Tempesta kif ukoll *roundabout* fi Triq iż-Żurrieq.

6.1.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud talbet speċifikazzjoni tar-*roundabout* proposta fi Triq it-Tempesta kantuniera ma' Triq Antonio Chircop.

6.1.4 Qalet li jekk il-Kunsill Lokali għandu petizzjoni quddiemu ffirmata minn xi residenti, din irid jagħti kasha.

6.1.5 Is-Sindku wieġeb li fil-mument ikun aħjar jekk ma jikkummentax dwar il-petizzjoni għax hemm diversi irregolaritajiet inkwetanti fiha.

6.1.6 Żied li meta l-Kunsill Lokali ressaq il-proposta tiegħu, fil-laqgħa tal-istess Kunsill Lokali kien hemm qbil unanimu mill-membri tal-Kunsill Lokali u dil-proposta flimkien ma' proposta oħra mressqa minn Transport Malta, reġgħu ngħaddew lill-istess Transport Malta għad-direzzjoni min-naħa tagħhom.

6.1.7 Spjega kif dawn id-dettalji kollha intbagħtu lil dawk li qegħdin jirrappreżentaw lit-42 persuna li ffirmaw il-petizzjoni mressqa quddiem il-Kunsill Lokali.

6.2 Is-Sindku tkellem dwar żwieġ ċivili li sar f'Misraħ il-Maqluba.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.2.1 Qal li prattikament dan iż-żwieġ biddilu l-perspettiva kollha dwar żwiġijiet simili u qal li wieħed irid jara jekk għandniex nibdew nagħtu permessi għal żwiġijiet ċivili f'din iż-żona jew żoni oħra fil-Qrendi.

6.2.2 Spjega kif qiegħed imur kontra dak li kien jemmen u jgħid hu sa ftit ilu, imma qal li rridu nikkunsidraw kollox. Żied li huwa hu favur li jsir żwieġ ċivili, imma mhux li jsir riċeviment ta' tieġ f'ċertu żoni.

6.2.3 Qal li jkun aħjar jekk din il-materja tkun parti mill-Aġenda tal-laqgħa li jmiss sabiex tkun tista' tiġi diskussa fid-dettall.

6.3 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellna mal-ELC dwar it-tisbiħ tar-*roundabout* int u dieħel il-Qrendi.

6.3.1 Qal li jekk kemm-il darba l-proġett jgħaddi, allura jkollna nħaffru ġiebja bħalma għamilna fi Triq Antonio Chircop.

6.4 Is-Sindku tkellem dwar l-inawgurazzjoni tal-*Collective Memory Archives* li se ssir fit-22 ta' Ġunju u l-Iskola Primarja tal-Qrendi tinsab f'dan il-proġett pilota.

6.5 Is-Sindku tkellem dwar Triq il-Puniċi u qal li qiegħed jittama li t-tarmak jingħata matul din il-ġimgħa.

6.6 Is-Sindku tkellem dwar Wied iż-Żurrieq u qal li d-dawl issa tpoġġa, filwaqt li r-*railings tal-istainless steel* twaħħlu wkoll.

6.6.1 Qal li fil-preżent qegħdin nistennew il-permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex isir ix-xogħol fuq il-ponot.

6.7 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett *Future of Our Past.*

6.7.1 Qal li l-ħsieb ta' dan il-proġett hu li jsir networking ta' postijiet storiċi u din it-talba ntbagħtet speċifikament lilna.

6.7.2 Ippropna li bħala Kunsill Lokali għandna nidħlu għal din l-inizjattiva.

6.7.3 Żied li jekk hemm min jixtieq li jieħu l-*ownership* ta' dan il-proġett,

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jitkellem u juri l-interess tiegħu.

6.7.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa wiegħed l-għajnuna kollha tiegħu lis-Sindku.

6.8 Is-Sindku tkellem dwar kolonna li hemm fi Triq is-Siġġiewi, kantuniera ma' Triq Santa Katarina.

6.8.1 Qal li mir-*Restoration Unit* intlabna nagħmlu DNO mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

6.8.2 Spjega kif il-Kunsill Lokali diġa' talab kwotazzjoni kemm jiġi jiswa r-restawr tagħha u ngħatajna stima ta' €2,500.

6.8.3 Qal li kwotazzjoni bħal din ma nistgħux naċċettawha u fil-preżent qegħdin infitxxu kwotazzjonijiet oħra.

6.8.4 Żied li fil-mument ikun aħjar jekk nagħmlu DNO imbagħad naraw kif nibqgħu fuq il-biċċa tal-kwotazzjonijiet.

6.9 Is-Sindku tkellem dwar artiklu li deher fuq il-ġurnal l-Orizzont matul din il-ġimgħa u li kien jitratta s-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

6.9.1 Qal li f'dan l-artiklu kien spjegat għaliex dan is-Santwarju ma jistax jiġi restawrat malajr daqskemm nixtiequ.

6.9.2 Spjega kif il-ġimgħa li għaddiet saret laqgħa fejn fiha tkellimna ma' diversi persuni u entitajiet konċernati dwar dan ir-restawr u l-aktar ħaġa ovvja li hemm hi li rridu bilfors l-għajnuna tal-Gvern Ċentrali u/jew fondi mill-Unjoni Ewropea sabiex inkunu nistgħu nwettqu dan il-proġett.

6.10 Is-Sindku tkellem dwar ir-riċevimenti li ta' kull sena jorganizza l-Kunsill Lokali f'nhar il-festi tal-lokal.

6.10.1 Qal li din l-idea kienet bdiet meta l-Fratellanza tal-Beati Verġni ta' Lourdes kienu talbu li jġibu l-mistiedna tagħhom barrani sal-uffiċċju tal-Kunsill Lokali wara l-quddiesa solenni ta' nhar il-festa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.10.2 Spjega kif bħala Kunsill Lokali forsi qegħdin naraw ftit kbir f'dak kollu li nippreparaw u din qed toħdilna ħafna enerġija.

6.10.3 Qal li ninsabu f'sitwazzjoni fejn niddeċiedu jekk nibqgħux nagħmlu dawn ir-riċevimenti jew le, ħalli d-deċiżjoni tittieħed fuq iż-żewġ festi.

6.10.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa jekk dawn ir-riċevimenti għandhomx jibqgħu jsiru f'nhar il-festa.

6.10.5 Is-Sindku wieġeb li jekk kemm-il darba ma jsirx f'nhar il-festa, allura dan ir-riċeviment jitlef l-iskop tiegħu.

6.10.6 Il-Viċi Sindku qal li hu jaqbel li jibqa' jsir dan ir-riċeviment, imma jekk dak innaqqsu l-ammont t'ikel li jitqassam.

6.10.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li r-riċeviment għandu jibqa' jsir imma se jsir b'mod ridott mis-soltu.

6.11 Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jorganizza ġurnata Għawdex għar-residenti nhar l-Erbgħa 20 ta' Lulju.

6.11.1 Spjega kif se jkun il-programm għal din il-ġurnata u kif inhuma mqassmin il-prezzijiet:

Adulti - €18
Tfal - €12.50
Persuni bl-ID Card Safra - €15.

6.12 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-ġurnata Sqallija li se tkun organizzata mill-Kunsill Lokali u qal li għalkemm bħalissa għad m'għandniex rispons qawwi, xorta waħda qegħdin nistennew li din issir għax in-nies huma mistennija li jiżdiedu fil-jiem li ġejjin.

6.13 Il-Viċi Sindku tkellem dwar Triq it-Tempesta u staqsa jekk quddiem il-bus shelter jistax jiġi *resurfaced* qabel il-festa.

6.13.1 Is-Sindku wieġeb li se nkunu qegħdin nagħmlu dak kollu possibbli sabiex dan jitlesta' qabel it-3 ta' Lulju 2016.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.14 Il-Kunsillier Daniela Farrugia staqsiet jekk jistax isir *doggy bin* wara l-grawnd tal-futbol fi Triq Ġużeppi Muscat, fejn hemm is-*soft area.*

6.14.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-ewwel għandha tistaqsi l-permess tal-Kappillan minħabba li dak il-ġnien żgħir huwa propjeta' tal-Knisja Parrokjali.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €16,982.26 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 06/16 u €158.26c skont il-*Petty Cash* Ref T/05.

7.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

7.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-5:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 25 ta' Lulju 2016 fil-5:30pm.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**